MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta tat-12 ta' Dicembru, 2003

Talba Numru. 2828/2002

**Carmelo Agius**

**vs**

**Anthony Camilleri**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz bl-ismijiet premessi prezentat fid-27 ta' Novembru, 2002 fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat hallas lill-attur l-ammont ta' mitejn lira Maltin (Lm200.00) rapprezentanti ammont misluf lill-konvenut fuq rikjesta tieghu stess bil-weghda li ser rifondati fi-zmien qasir u li minkejja diversi interpellanzi l-konvenut baqa' inadepjanti u ma hallasx.

Bl-ispejjez u bl-interessi legali kontra l-konvenut mid-data meta l-ammont pretiz f'din it-talba kien dovut sad-data tal-pagament.

Ra n-nota ta’ Mistoqsijiet tal-attur sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi pruvat ai termini tal-Artikolu 13 (b) tal-Kap. 380 u tal-Artikoli 698(2) u 702 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ra li ghalkemm il-konvenut gie regolarment notifikat, naqas milli jidher meta gew prezentati l-Kapitoli u anki llum, u ghalhekk in-Nota ta’ Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqsatant it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jilqa’ t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lil-attur is-somma ta’ mitejn lira Maltin (Lm200.00), bl-imghax pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta’ din l-istanza ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenut skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------